MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2012

Talba Numru. 33/2012

**UNI-QUE CATERING LIMITED [C-48641]**

**Vs**

**ISLAND FARMHOUSES LIMITED [C-25788]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba mressqa mis-socjeta attrici fis-27 ta' Jannar, 2012** u li permezz taghha talbet il-hlas, minghand is-socjeta konvenuta, tas-somma ta' tlett elef erba' mija tlieta u erbghin euro u sebghin centezmu ta' euro (€3443.70) u dan wara li ppremettiet hekk:

1. Illi s-socjeta konvenuta kienet tikri hanut gewwa l-Imsida lis-socjeta attrici;

2. Illi l-kirja giet mitmuma fil-31 ta' Awissu, 2011;

3. Illi fi tmiem il-kirja s-socjeta konvenuta kienet obbligata li thallas lis-socjeta attrici s-segwenti somom:

i. €1,400 – depozitu li kien thallas mis-socjeta attrici fil-bidu tal-kirja;

ii. €2478 – spejjez ta' bibien ghal fond mikri mhallsa mill-attrici ghan-nom tal-konvenuta;

iii. €802.40 – spejjez ta' canopy mizmuma mill-konvenuta fi tmiem il-kirja u spejjez li saru ghalxejn minhabba agir tal-konvenuta;

iv. €1689.70 – spejjez ta' hood mizmuma mill-konvenuta fi tmiem il-kirja;

4. Illi dawn l-ammonti kellhom jigu pacuti kontra somma ta' €2,926.40 (liema somma tinkludi l-VAT) dovuti mill-attrici lil konvenuta bhala kera ghax-xhur ta' Lulju u Awissu 2011.

5. Illi ghalhekk il-konvenuta hija debitrici ta' l-attrici fis-somma ta' €3,443.70 ghaliex is-somma indikata f'3.iii giet mghotija lura mill-ARMS Ltd lill-attrici;

6. Illi ghalkemm interpellata thallas, l-konvenuta baqghet inadempjenti.

Ghaldaqstant l-esponenti in vista tal-premess titlob lil dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attrici s-somma ta' €3,443.70 flimkien ma' l-ispejjez u l-imghax skond il-ligi."

Ra **r-risposta tas-socjeta konvenuta Island Farmhouses Limited** mressqa fit-30 ta' Marzu, 2012 u li permezz taghha gie eccepiet hekk:

"Illi t-talbiet tas-socjeta attrici ghandhom jigu michuda ghas-segwenti ragunijiet:

1. In linea preliminari, l-intimata teccepixxi l-privilegium fori stante illi r-residenza ordinarja taghha hija Ghawdex, fejn hija wkoll debitament registrata skond il-ligi. L-attrici ghandha pjena konoxxenza ta’ dan stante illi harrket lill-intimata fl-indirizz registrat taghha f’Ghawdex;

2. In linea preliminari, l-inkompetenza ta’ dan l-Onorabbli Bord, stnate illi fi kliem l-attrici stess, l-attrici unilateralment ghamlet tpacija ta’ somma li skond l-attrici kienet dovuta lill-intimata. (a) Tpacija ma tistax issir unilateralment; (b) L-attrici agixxiet b’dan il-mod u invokat tpacija ghaliex diga hemm kawza pendenti quddiem il-Prim’ Awla fl-ismijiet inversi sabiex l-attrici thallas lill-intimata d-dejn dovut minnha wara t-terminazzjoni tal-kirja bl-intenzjoni cara li tistultifika dik il-kawza stante illi l-proceduri quddiem it-Tribunal odjern probabilment jiehdu anqas zmien minn dawk fil-Qrati Superjuri; (c) In kwantu l-ammont originali dikjarat li huwa dovut mill-attrici jezorbita l-kompetenza ta’ dan l-Onorabbli Tribunal, dan l-Onorabbli Tribunal ghandu jiddikjara l-inkompetenza tieghu u jichad it-talbiet attrici;

3. It-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt stante illi ma huwa dovut l-ebda ammont mill-intimata lill-attrici. Ghall-kuntrarju hija l-attrici li hija debitrici ta’ l-intimata, u f’dan ir-rigward l-intimata diga hadet passi fil-Qrati Superjuri;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Ghaldaqstant, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha”.

Ra l-verbal tal-25 ta’ Mejju, 2012 fejn il-kawza giet differita ghal-provi kollha dwar l-ewwel eccezzjoni u ghat-trattazzjoni.

Ra li fis-seduta li kellhom jinstemghu l-provi u tigi trattata din l-ewwel eccezzjoni kull ma deher kien rapprezentanti tas-socjeta attrici u d-difensur taghha li talab li jittratta l-ewwel eccezzjoni preliminari kif fil-fatt ghamel.

Ra illi l-kawza giet differita ghas-sentenza preliminari dwar l-ewwel eccezzjoni ghal-lum.

Ikkunsidra:-

1. Illi f'dan il-kaz u mill-atti jirrizultaw is-segwenti fatti:

i. Is-socjeta konvenuta ghandha l-ufficju regitsrat taghha gewwa l-gzira ta' Ghawdex;

ii. Is-socjeta konvenuta kienet tikri hanut gewwa l-Imsida lis-socjeta attrici;

iii. Qieghed jigi allegat mis-socjeta attrici, li l-konvenuta kienet obbligata li thallas lis-socjeta attrici diversi sommom ta' flus ghan-negozju li kien sehh bejniethom ghar-rigward tal-kirja hawn fuq imsemmija.

Ikkunsidra ulterjorment;

2. Illi din is-sentenza tirrigwarda biss l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta konvenuta li tghid:

"In linea preliminari, l-intimata teccepixxi l-privilegium fori stante illi r-residenza ordinarja taghha hija Ghawdex, fejn hija wkoll debitament registrata skond il-ligi. L-attrici ghandha pjena konoxxenza ta' dan stante illi harrket lill-intimata fl-indirizz registrat taghha f'Ghawdex"

3. Is-sub-artikolu (4) ta' l-Artikolu 3 tal-Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar jistipula li:

"*It-Tribunal ghandu jzomm il-laqghat tieghu f'dak il-post jew f'dawk il-postijiet f'Malta u Ghawdex hekk kif il-Minsitru jista jistabilixxi b'ordni fil-Gazzetta u t-Tribunal ghandu, sa fejn ikun prattikabbli, izomm il-laqghat tieghu fil-gzira fejn il-persuna li kontriha ssir it-talba jkollha r-residenza ordinarja taghha*" – sottolinejar tat-Tribunal.

4. Dan ifisser li t-Tribunal ghandu jara li l-laqghat tieghu ghandhom jinzammu, sa fejn ikun prattikabbli, fil-gzira fejn il-persuna li kontriha ssir it-talba jkollha r-residenza ordinarja taghha.

5. Issa f'dan il-kaz, u mill-atti processwali jirrizulta li:

i. l-indirizz registrat tas-socjeta konvenuta huwa indikat fuq l-avviz bhala li jinsab f'Ghawdex;

ii. parti mix-xhieda (almenu dawk tas-socjeta konvenuta) jidhru li jirrisjedu gewwa Ghawdex; u

iii. l-kontestazzjoni tirrigwarda negozju (kirja) ta' hanut gewwa l-Msida.

6. It-Tribunal jibda biex jaghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet **John u Rose konjugi Buhagiar vs Victor u Alfreda konjugi Cachia** (App. Nru. 24/01/NA) deciza fil-11 ta' Lulju, 2002. Minn din is-sentenza johorgu s-segwenti punti:

i. Kien korrett it-Tribunal meta qal li l-Att numru V ta' l-1995 johloq Tribunal ghal Talbiet Zghar wiehed biss. Dan kuntrarjment ghal dak li nsibu fil-kaz tal-qrati inferjuri;

ii. Quddiem il-qrati ordinarji hija l-ligi stess li taghti lill-konvenut il-beneficcju li jigi msejjah quddiem qorti partikolari skond jekk joqghodx fil-Gzira ta' Malta jew Ghawdex. Hekk per ezempju, l-Artikolu 47(1) tal-Kap. 12 jipprovdi li l-Qorti tal-Magistrati (Malta) tiddecidi pretenzjonijet kontra persuni li *"joqghodu, jew li ghandhom ir-residenza taghhom ordinarja, f'parti tal-Gzira ta' Malta"*.

iii. Minn qari ta' l-Att dwar Tribunal Ghal Talbiet Zghar (Kap. 380) ma jirrizulta li hemm l-ebda provvediment f'din il-ligi li jaghti beneficcju simili lill-konvenut, jew li jaghmel l-

Artikoli fuq citati tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) applikabbli ghall-proceduri li jigu ntavolati quddiem it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar. L-uniku haga li jistipula l-Kap. 380 huwa li t-Tribunal ghandu jzomm il-laqghat tieghu f'Malta u Ghawdex u *"**sa fejn ikun prattikabbli**, izomm il-laqghat tieghu fil-gzira fejn il-persuna li kontriha ssir it-talba jkollha r-residenza ordinarja taghha"* (Artikolu 3[4] tal-Att numru V ta' l-1995).

iv. Il-kliem *"sa fejn ikun prattikabbli"* (*as far as practicable* fit-Test Ingliz) huwa kliem cjar u jhalli l-kwistjoni fid-diskrezzjoni assoluta tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar.

7. Aktar lejn zminijietna, wiehed isib sentenza ohra fuq dan il-punt moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet **Albert Xiberras et vs Mark Sammut** (App. Civ. Nru. 48/10/RCP) deciza fis-17 ta' Novembru, 2011. Minn din is-sentenza johorgu s-segwenti punti:

i. Ghalkemm id-disposizzjonijiet tal-artikolu 741(c), (d), (e) u (f) u l-artikolu 767 tal-Kap. 12 ma japplikawx ghall-kaz de quo fis-sens li ma jezistix dak li jissejjah bhala *privilegium fori* li jista jigi nvokat mill-konvenut, minn naha l-ohra l-artikolu 3(4) tal-Kap. 380 jaghti l-fakolta lill-gudikatur sabiex jiddeciedi fejn jinstema l-kaz jekk hux Malta jew Ghawdex, b'dan li sa fejn ikun prattikabbli t-Tribunal ghandu jzomm il-laqghat tieghu fejn il-persuna jkollha r-residenza ordinarja taghha.

ii. Illi dan jaghti certu ammont ta' diskrezzjoni f'tali determinazzjoni f'idejn it-Tribunal, izda tali diskrezzjoni ghandha tiehu in konsiderazzjoni r-residenza tal-konvenut, b'dan li fejn huwa prattikabbli s-smigh tal-kawza ghandu jigi determinat skond l-istess, hlief ghar-ragunijiet li jistghu jimmillitaw ghal dan, li ghandhom ikunu ragunijiet eccezzjonali, bhal meta per ezempju l-provi kollha huma fi gzira ohra, u dan certament jiddependi mill-fattispecie tal-kaz; **izda ma hemm l-ebda dubju li l-ewwel xelta u preferenza ghandha bhala regola tkun dejjem li s-sede**

**fejn ghandha tinstema' l-kawza hija determinata fejn jirresjedi l-konvenut** (enfazi tat-Tribunal).

iii. Illi dan huwa l-apprezzament li jrid jaghmel l-istess Tribunal, li ghalkemm huwa liberu li jezercita tali diskrezzjoni, dejjem jibqa l-fatt li tali diskrezzjoni trid tigi ezercitata fit-termini tal-ligi, u dan fis-sens li ghandu jinghata fl-ewwel lok aditu ghal dak li tipprovdi l-istess b'mod li d-disposizzjonijiet tal-ligi ghandhom jinghataw sens u jigu applikati, u mhux resi bla ebda effett ta' xejn.

iv. Id-diskrezzjoni tat-Tribunal anke jekk tigi kkunsidrata fit-termini espressi fid-decizjoni **John Portelli et vs Victor Cachia** (AIC (NA) – 11 ta' Lulju, 2002) ma hijiex assoluta u lanqas ghandha tkun arbitrarja b'mod li tmur kontra l-ligi, izda ghandha tigi ezercitata biss u unikament fil-parametri tal-ligi. Altrimenti jkun ifisser, ... li tali disposizzjoni tal-ligi ma tigi tfisser xejn, u certament dan ma jistax isir jew jithalla jsir fl-ordinament guridiku nostrali.

8. Illi ghalhekk, filwaqt li jirrizulta bic-car – anke minn qari taz-zewg sentenzi awtorevoli moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) li l-kuncett ta' *privilegium fori* kif nafuh fil-Kodici ritwali taghna ma jezistiex fil-proceduri quddiem dan it-Tribunal, jidher bic-car li l-legislatur ried li dan it-Tribunal ghandu, sa fejn ikun prattikabbli, izomm il-laqghat tieghu fil-gzira fejn il-persuna li kontriha ssir it-talba jkollha r-residenza ordinarja taghha. F'dan il-kaz, ir-residenza ordinarja tas-socjeta konvenuta hija Ghawdex.

9. Illi ghalhekk, it-Tribunal, jilqa l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta konvenuta kontenuta fir-risposta taghha u ghalhekk filwaqt li huwa jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kaz minhabba r-ragunijiet fuq dedotti, qieghed jibghat l-atti ta' dan il-kaz lir-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali sabiex a spejjez tas-socjeta attrici, din il-kawza

tigi assenjata u appuntata ghas-smiegh quddiem dan it-Tribunal diversament ppresedut gewwa l-gzira ta' Ghawdex.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------